MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 934/2004

**Greenlines Environmental Services Ltd (C-14868)**

**vs**

**Joanne u Pierre konjugi Calleja u HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Dicembru 2004 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-konvenuta Joanne Calleja kienet impjegata mas-socjeta` attrici Greenlines Environmental Services Ltd.

bhala segretarja u bhala tali kellha r-responsabbilta` relattiva ghal kariga taghha.

Illi nkluz fid-doveri taghha Joanne Calleja kellha l-obbligu li tiehu hsieb tigbor flus li kienu dovuti lis-socjeta` Greenlines Environmental Services Ltd.

Illi l-konvenuta Joanne Calleja ma kenitx awtorizzata li tiffirma ebda dokument in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u wisq anqas tiggira cekkijiet tas-socjeta` attrici.

Illi bejn nofs l-1998 u l-bidu tal-2002 l-istess Joanne Calleja dawret bi profitt ghaliha u ghal konvenut zewgha Pierre Calleja s-somma ta’ tletin elf, tliet mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm30,327.16).

Illi l-konvenuta Joanne Calleja ghamlet hekk b'qerq u dan billi minflok iddepozitat cekkijiet li kienu mahruga a favur tas-socjeta` attrici fil-kont bankarju tal-istess socjeta` attrici, iggirat l-imsemmija cekkijiet minghajr awtorizazzjoni u permezz ta’ firma falsifikata u ddepozitat l-istess cekkijiet mahrugin a favur tas-socjeta` attrici fil-kont bankarju personali taghha u tal-konvenut Pierre Calleja.

Illi l-konvenuta ghamlet diversi transazzjonijiet bhal dawn u cioe` permezz ta’ liema hija ggirat cekkijiet tas-socjeta` attrici u ddepozitat l-istess fil-kont personali taghha u f’dak ta' zewgha ghal beneficcju taghhom it-tnejn.

Illi l-valur tac-cekkijiet hekk girati kienu jvarjaw liema valur qatt ma kien ta’ inqas minn mitejn lira Matin (Lm200) u kien hemm diversi li l-valur taghhom kien jeccedi tliet elef lira Maltin (Lm3,000).

Illi t-tranzazzjonijiet maghmula mill-konvenuta kif spejgat hawn fuq kienu ta’ natura regolari u kontinwi.

Illi l-kontijiet bankarji li fih saru d-depoziti abuzivi minn Joanne Calleja huma mizmuma mas-socjeta` konvenuta HSBC Bank (Malta) p.l.c.

Illi l-bank konvenut, HSBC Bank (Malta) p.l.c., ma kienx il-*"payer"* tal-maggor parti tac-cekkijiet in kwistjoni u ghaldaqstant kellu l-obbligu li jivverifika l-awtenticita tal-giri tac-cekkijiet in kwistjoni.

Illi l-bank konvenut HSBC Bank (Malta) p.l.c. ma ivverifikax il-giri tac-cekkijiet in kwistjoni u accetta li jigu depozitati cekkijiet mahrugin a favur tas-socjeta` attrici fil-kont personali tal-konvenuti konjugi Calleja.

Illi ghalkemm dawn it-tranzazzjonijiet da parti ta' Joanne Calleja kienu regolari u kontinwi u fit-totalita` taghhom kienu jeccedu t-tletin elf lira Maltin (Lm30,000) il-bank konvenut HSBC Bank Malta p.l.c. ma hassx in-neccessita` li jitlob spjegazzjoni lill-konvenuta Joanne Calleja dwar il-provenjenza ta' dawn il-fondi li ma kienux paragunabbli mal-introjtu tal-istess Joanne Calleja u zewga Pierre Calleja.

Illi l-bank konvenut HSBC Bank (Malta) p.l.c. kien obbligat bil-Ligi li jottjeni "a source *of provenance of funds record"* minghand il-konvenuta Joanne Calleja fic-cirkostanzi odjerni, izda l-istess bank konvenut naqas milli jaghmel dan.

Illi n-nuqqas ta' osservanza tal-Ligi da parti tal-bank konvenut HSBC Bank Malta p.l.c. ippermetta u ffacilita l-ezekuzzjoni tal-attivita` illegali tal-konvenuta Joanne Calleja.

Illi kawza tan-nuqqasijiet grossolani da parti tal-bank konvenut HSBC Bank (Malta) p.l.c. Joanne Calleja tqeghdet f'pozizzjoni li setghet tezegwixxi l-attvita` illegali taghha u tikkawza dannu serju lis-socjeta` attrici.

Illi mis-somma ta' tletin elf, tliet mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm30,327.16) il-konvenuti Joanne u Pierre Calleja hallsu lura lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500).

Illi l-ammont li llum ghadu dovut lis-socjeta` attrici huwa ta' tnejn u ghoxrin elf tmien mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm22,827.16).

Illi ghalkemm l-istess konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghal hlas relattiv, huma baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti tghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-atti maghmula minn Joanne Calleja kienu abbuzivi u llegali.

2. Tiddikjara li Joanne Calleja u Pierre Calleja ma kellhom ebda jedd li jercievu l-flus valur tac-cekkijiet mertu ta' din l-kawza.

3. Tiddikjara li l-konvenuti Joanne Calleja u Pierre Calleja, jew minn minnhom, ghandhom iroddu lura lis-socjeta` attrici l-flus minnhom hekk ricevuti minghajr jedd.

4. Tiddikjara li l-HSBC Bank Malta p.l.c. ma osservax l-obbligi imposti fuqu bil-Ligi.

5. Tiddikjara li kawza tan-nuqqas ta' osservanza tal-Ligi da parti tas-socjeta` HSBC Bank (Malta) p.l.c. is-socjeta` attrici sofriet Danni.

6. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta HSBC Bank Malta p.l.c. responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici.

7. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici kawza tan-nuqqasijiet tal-HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf tmien mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm22,827.16) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.

8. Tikkundanna lill-konvenuti, jew minn minnhom, jirrifondu u / jew ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf tmien mija u sebgha u ghoxrin lira

Maltin u sittax-il centezmu (Lm22,827.16) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest datat 22 ta’ Mejju 2002 u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 2197/04 u tal-Mandat ta’ Qbid numru 2196/04 prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti konjugi Calleja, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` Greenlines Environmental Services Ltd a fol. 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta` Greenlines Environmental Services Ltd a fol. 7 u tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-16 ta’ Frar 2005.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta HSBC Bank Malta plc (C 3177) datata 21 ta’ Dicembru 2004 a fol. 13 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi, preliminarjament, il-Bank m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, l-ewwel tliet talbiet kontenuti fic-citazzjoni ma humiex diretti lejn il-Bank, li ghalhekk m’ghandux jbati ebda spejjez in konnessjoni maghhom.

3. Illi dejjem subordinatament ir-raba’ sat-tmien talbiet in kwantu huma diretti lejn il-Bank huma preskritti a terminu tal-**artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-spejjez.

4. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju l-allegazzjoni fir-raba’ talba illi l-Bank ma osservax l-obbligi imposti fuqu mill-ligi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

5. Illi wkoll subordinatament u minghajr preguzzizju, dwar il-hames talba ma hemm l-ebda ness kawzali bejn l-allegat agir tal-Bank u danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici.

6. Illi wkoll subordinatament u minghajr pregudiizzju, is-sitt, seba' u tmien talba li huma konsegwenzjali ghal hames talba ghandhom ukoll jigu michuda bl-ispejjez apparti l-fatt illi, d-danni allegatament sofferti jridu jigu ppruvati.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta HSBC Bank Malta plc (C 3177) a fol 14 u 15 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet Joanne u Pierre konjugi Calleja datata 7 ta’ Marzu 2005 a fol. 19 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi, *in linea* preliminari l-eccipjenti jecepixxu illi l-azzjoni hekk kif proposta mis-socjeta` attrici hija llum guridikament impropponibbli *stante* illi permezz ta’ ftehim ta’ nhar it-28 ta' Gunju 2002 [kopja tal-istess ftehim tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. “JC1”] bejn l-eccipjenti u s-socjeta` attrici fejn l-istess eccipjenti obbligaw ruhhom illi jhallsu s-somma ta’ tmintax-il elf lira Maltin [Lm1 8,000] lis-socjeta` attrici kien hemm novazzjoni ta’ kull obbligazzjoni antecedent li seta’ kien hemm bejniethom. Ghalhekk jekk kellha ssir azzjoni da parti tas-socjeta` attrici din kellha ssir fuq premessi u talbiet totalment differenti minn dawk proposti.

2. Illi, *in linea* preliminari, l-eccipjenti tecepixxi illi l-azzjoni hekk kif promossa hija preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwenali *ai termini* tal-**artikolu 2154 (1) tal-Kodici Civili.**

3. Illi, fil-mertu, l-eccipjenti Joanne Calleja tecepixxi illi ma kien hemm ebda agir abbusiv u illegali da parti taghha izda kien hemm ftehim ta’ mutwu bejn l-eccipjenti u s-

socjeta` konvenuta fejn is-socjeta` konvenuta sellfet flus lil din l-eccipjenti. Ghalhekk l-azzjoni hekk kif proposta b'mod generali ma tistax tergi u certament b'mod aktar specifiku l-ewwel tliet talbiet attrici. Ghalhekk fl-aghar ipotesi l-ewwel tliet talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

4. Illi l-eccipjenti Pierre Calleja jeccepixxi illi *se mai* u fl-aghar ipotesi huwa ma jistax jigi tenut responsabbli bhala zewg l-attrici ghal xi agir doluz da parti tal-eccipjenti martu Joanne Calleja u ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Illi l-eccipjenti jecepixxu illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici huwa wiehed eccessiv u dan *stante* li kien iffirmat ftehim nhar it-28 ta' Gunju 2002 bejn l-eccipjenti u s-socjeta` attrici fejn l-istess eccipjenti kellhom ihallsu s-somma ta' tmintax-il elf lira Maltin [Lm18,000]. Minn din is-somma thallset gja` mill-eccipjenti s-somma ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin [Lm7,500] [Ara ittra legali datata 6 ta' Dicembru 2004 (Dok. "JC2").

6. Illi l-eccipjenti jirriservaw illi jecepixxu ulterjorment meta s-socjeta` attrici tesebixxi c-*cheques* li saru riferenza ghalihom fic-citazzjoni attrici.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Joanne u Pierre konjugi Calleja a fol. 21 u 22 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u zewg dokumenti annessi a fol 22 - 24 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Joanne Calleja et datata 14 ta' Marzu 2005 a fol 27 tal-process fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti joghgobha tvarja d-digriet tal-11 ta' Marzu 2005 u tordna li fis-seduta li jmiss il-konvenuti jesawrixxu l-provi taghhom dwar l-eccezzjoni tan-novazjoni u dan that dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni; rat ir-risposta datata 28 ta' Marzu 2005 a fol 30 tal-process; u rat id-

decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-4 ta' April 2005 (fol 31 - 32).

Rat in-nota ta-eccezzjonjiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta HSBC Bank Malta plc (C 3177) datata 11 ta' Mejju 2005 a fol 36 tal-process fejn eccepixxa: -

1. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-bank konvenut, ir-raba' sat-tmien talbiet tas-socjeta` attrici in kwantu diretti lejn l-eccipjenti, huma preskritti bit-terminu ta' sentejn *a tenur* tal-**artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Bank HSBC Malta plc a fol 37 u 38 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn is-seduta tat-18 ta' Novembru 2005 il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta l-Qorti innominat bhala Perit Legali lil Dr. Marco Ciliberti u ordnat lill-istess Perit Legali biex wara t-terminu tal-affidavit attrici jiffissa erba' seduti ghall-konkluzjonijiet tal-provi attrici; u wara t-terminu tal-affidavit tal-konvenut jiffissa erba' seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti.

Rat ir-rikors ta' Joanne Calleja et datat 5 ta' Lulju 2006 a fol 141 tal-process fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tosostitwixxi l-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti b'persuna ohra u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni; u l-Qorti laqghet it-talba u ssostitwiet lill-stess Perit Legali b' Dr. Anna Mallia, kif jidher bid-digriet moghti fis-6 ta' Lulju 2006 (fol 144).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Joanne u Pierre konjugi Calleja datata 15 ta' Jannar 2010 a fol 562 tal-process.

Rat in-nota ta' referenzi tas-socjeta` intimata HSBC Bank Malta p.l.c. datata 8 ta' Marzu 2010 a fol 567 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Anna Mallia flimkien max-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti esebiti; u wkoll ir-rapport li gie pprezentat fl-24 ta' Mejju 2010 u mahluf fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010, l-istess rapport jinsab esebit a fol. 588 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Joanne u Pierre Calleja datata 11 ta' Jannar 2011 a fol. 631 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2011 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kris Busietta ghas-socjeta` attrici, Dr. Louis Sant Fournier ghall-Bank konvenut rapprezentat minn Dr. Daphne Dodebier, u wkoll Dr. David Camilleri ghall-konjugi Calleja. Dr. Kris Busitta pprezenta nota ta' riduzzjoni tat-talbiet attrici *stante* li fil-mori tal-kawza l-konvenuta Joanne Calleja hallset l-ammont ta' €24,500. Dr. David Camilleri ghandu jara li ssir notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet lis-socjeta` attrici. Dr. Sant Fournier iddikjara li ga rcieva tali nota ghalkemm dan mhux registrat fil-process. Il-Qorti pprefeggiet tletin (30) gurnata zmien mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet lis-socjeta` attrici u lill-Bank konvenut sabiex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t' ostakolu ghat-3 ta' Mejju 2011.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Bank konvenut HSBC Bank Malta p.l.c. datata 18 ta' Frar 2011 a fol 640 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f’din il-kawza s-socjeta attrici tikkontendi li hija ghandha tiehu s-somma ta’ Lm22,827.16c, bilanc ta’ somma akbar ta’ flus li l-konvenuta Calleja ghamlet taghha b’mod illegali u mill-provi prodotti jirrizulta li hemm qbil li l-ammonti ndikati fic-cekkijiet esebiti a fol. 63 sa fol. 104 huma c-cekkijiet li fuqhom is-socjeta attrici qed tibbaza t-talbiet taghha u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Dicembru 2006 maghmul mis-socjeta attrici.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Calleja hija dik li l-azzjoni attrici hija preskritta skond **l-artikoli 2154 (1) u 2156 tal-Kap. 16,** liema eccezzjoniet gew irtirati rispettivamwent mill-konvenuti Calleja (fol. 19) u mill-Bank konvenut (fol. 13) anke in vista tal-prezentata ta’ kopja legali mis-socjeta’ attrici (seduta 23 ta’ Gunju 2005) tal-protest gudizzjarju (fol. 46).

Illi dwar it-talbiet attrici l-konvenuti Calleja fl-ewwel lok jilqghu ghall-istess billi jikkontendu li kien sar ftehim mas-socjeta’ attrici datat 22 ta’ Gunju 2002 (Dok. “JC 1” a fol. 23) fejn qed isostnu li dan kien jekwivali ghal novazzjoni b’dan li huwa l-istess ftehim li ghandu jirregola r-relazzjoni taghhom mas-socjeta’ attrici fis-sens li huma debituri verso l-istess ghall-ammont totali ta’ Lm18,000 u minn liema ammont gja thallset is-somma ta’ Lm7,500 u ghalhekk il-bilanc minnhom dovut dak iz-zmien kien ta’ LM12,500 (ghaliex kif ser jinghad iktar il-quddiem saru fil-mori tal-kawza pagamenti ulterjuri).

Illi minn naha l-ohra l-konvenut l-iehor l-HSBC (Malta) p.l.c. jghid li galadarba c-cekkijiet gew girati *“in blank”* id-detentur taghhom kien il-propjetarju taghhom u seta` jaghmel li jrid bihom u l-bank mhux responsabbli ghal dak li sehh sussegwentement jew allegatament gara (fol. 13 u 14).

Illi dwar l-eccezzjoni ta' novazzjoni John Said ghas-socjeta' attrici jikkontendi dan il-ftehim ma jistax jimpedixxi lis-socjeta' attrici milli titlob ammonti ulterjuri u dan peress li proprja wara d-data tal-ftehim dik tat-22 ta' Gunju 2002 is-socjeta attrici skopriet li kien hemm aktar cekkijiet ohra taghha li gew depozitati mill-konvenuta Joanne Calleja u li huwa ghalhekk li qed jippretendu r-rifuzjoni tal-ammonti kollha ndikati fic-cekkijiet esebiti a fol. 63 sa 104 tal-process. Fil-fatt mill-prospett ta' dawn ic-cekkijiet (fol. 62) jirrizulta li d-data ta' depositu ta' l-istess tvarja mit-22 ta' Lulju 1998 sal-4 ta' Marzu 2002 u li l-ammont globali taghhom huwa ta' Lm30,327.16c.

Illi l-istess John Said jsostni li l-bilanc ta' Lm16,019.09 huwa dovut mill-verifiki li ghamel wara li tnaqqas l-ammont ta' Lm1,000 li Joannne Calleja hallset akkont. Ghamel protest gudizzjarju fit-22 ta' Mejju 2002 u wara kompla jaghmel il-verifiki u sat-28 ta' Gunju 2002 l-ammont tela` ghal Lm18,000.

Illi huwa jixhed ukoll li mill-investigazzjonijiet tal-pulizija sar jaf li lill-pulizija rrizultalhom li Calleja kienet hadet aktar minn Lm30,000 u dan gie kkonfermat mix-xhieda tal-HSBC fl-istess proceduri kriminali. Jghid li l-konvenuti Calleja hallsuh Lm7,500 u l-bilanc dovut apparti l-imghax huwa ta' Lm22,827.16c.

Illi jirrizulta mill-provi li effettivament l-allegazzjonijiet attrici f'dan ir-rigward fis-sens li c-cekkijiet li hargu f'isem il-kumpanija attrici ma dahlux fil-kont tal-kumpanija izda fil-kont tal-konvenuti Calleja, u wkoll li l-Bank konvenut li ghandu gew depozitati c-cekkijiet ma vverifikax jekk Joanne Calleja hix firmatarja gew ippruvati fil-grad rikjest mill-ligi.

Illi f'dan il-kuntest it-tezi tal-konvenuta Calleja hija li dan il-mod ta' operazzjoni minnha sar kollu bil-konoxxenza ta' John Said ghan-nom tas-socjeta' attrici, bl-iskop biex jevadi t-taxxa u l-VAT u kienet taghtih lura parti fi flus kontanti u l-bqija kien ikun self lilha, u dan kollu kien jitnizzel fi ktieb zghir iffirmat mit-tnejn.

Illi sabiex tigi kkunsidrata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Calleja dwar novazzjoni jinghad li mill-provi jirrizulta li John Said ghas-socjeta attrici skopra li hlasijiet li saru lill-kumpanija marru fil-kont personali tal-konvenuta Joanne Calleja, u dan gie sopert wara li kien cempel klijent tal-Interprint. Konsegwenti ghall dan kien sar ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti Calleja datat 28 ta' Gunju 2002 fejn inghad li s-somma dovuta minn Calleja lis-socjeta' attrici hija ta' Lm18,000 u gie wkoll stipulat li:-

*"The parties declare that following the fullfilment of this agreement they do not have any other dues or claims of whatsoever nature against each other and they declare to be happy with the contents of this agreement.".*

Illi peress li l-konvenuti Calleja bdew jaghmlu l-pagamenti u ghalkemm ma waslux li jhalsu skond il-ftehim ghamlu arrangament mas-socjeta attrici biex ihalsu Lm500 fix-xahar kif fil-fatt ghamlu.

Illi gara li wara l-pulizija fl-investigazzjonijiet taghha sabet li kien hemm aktar cekkijiet tal-kumpanija li marru fil-kont ta' Joanne Calleja u ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li tigi rifuza s-somma ta' Lm22,827.16. u l-konvenuti li kienu lahqu hallsu lura s-somma ta' Lm7,500 u waqfu l-pagamenti ghaliex is-socjeta' attrici bdiet tippretendi l-hlas aktar ta' dak pattwit.

Illi huwa f'dan il-kuntest li l-konvenuti Calleja qed jikkontendu li galadarba s-socjeta attrici qablet li s-somma dovuta hija ta' Lm18,000 fit-28 ta' Gunju 2002 ma tistax fit-2 ta' Dicembru 2004 meta pprezentat il-kawza tippretendi somma akbar, u li ghalhekk kien hemm novazzjoni ta' kull obbligazzjoni antecedenti li seta` kien hemm bejniethom.

Illi l-kliem tal-iskrittura tat-28 ta' Gunju 2002 huwa car kif jidher mill-bran fuq citat u fix-xhieda taghha tal-14 ta' Mejju 2009 l-konvenuta Calleja pprezentat Dok. "JC2" li tghid li kien ta' John Said u jikkonsisti f'rendikont ghall-ammont ta' Lm16490.96c, u tghid li John Said kien jaf

bihom. Minn naha l-ohra John Said jikkontendi li veru li saret l-iskruttura izda huwa skopra cekkijiet ohra meta l-pulizija kienu qed jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom.

Illi in vista tal-ftehim tat-28 ta' Gunju 2002 il-konvenuti Calleja ecceppew li l-azzjoni kif proposta mis-socjeta attrici hija guridikament improponibbli stante li hemm ftehim tat-28 ta' Gunju 2002 bejniethom li jirregola l-prosizzjoni taghhom, izda din il-Qorti thoss li l-azzjoni kif proposta xorta ma hijiex guridikament imporponibbli stante li s-socjeta attrici ghazlet li timposta t-talbiet taghha mhux fuq il-ftehim li pprezentaw il-konvenuti izda bhal azzjoni ghad-danni.

Illi dan qed jinghad ghaliex jirrizulta li meta s-socjeta attrici iffirmat il-ftehim u qablet li ma ghandha ebda pretensjoni ohra kontra l-konvenuta, hija qed tghid li kienet taf biss b'dawk l-ammonti li jirrizultaw mill-kawza, u bl-ammonti l-ohra saret biss taf bihom wara li giet iffirmata l-istess skrittura, u ghalhekk hija qed issostni li allura tali skrittura ma tistax timpedieha milli titlob dawn l-ammonti ulterjuri, li allura l-konvenuti kienu jafu bihom, izda naturalment l-istess ma jistax jinghad ghas-socjeta' attrici.

Illi huwa dan il-punt li jrid jigi deciz l-ewwel u dwar dan jinghad li skond il-konvenuta Calleja stess John Said kien ipprezentalha lista ta' cekkijiet li fuqhom sar il-ftehim (Dok. "JC2" seduta 14 ta' Mejju 2009) u tghid li minn dan jirrizulta li is-socjeta' attrici kient taf diga bl-ammont ta' Lm16,490.96 u tghid li dawn il-flejjes kienu jinghataw lilha sabiex tiddepozitahom fil-kont taghha biex hi tiehu self u hu jiffranka t-taxxi. Hija tammetti li fil-kont taghha kien hemm cekkijiet ohra apparti Lm18,000 imsemmija fl-iskrittura izda xorta wahda l-ftehim jirreferi biss ghall-ammont ta' Lm18,000.

Illi skond l-**artikolu 992 tal-Kodici Civili** xejn ma jhassar kuntratt jew ftehim bejn il-partijiet jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet jew ghar-ragunijiet moghtija fil-ligi, u skond l-**artikolu 993 tal-Kap. 13** huma principji generali li l-kuntratti jigu ezegwiti in bona fede, u bhala element ta' prova mhux ammessibli provi kontrarja kontra dak mitlub

hlief f'sitwazzjonijiet ben specifici u konsidrati bhala eccezzjonali.

Illi dawn il-principji huma naxxenti mill-principju legali li ftehim bejn il-partijiet ghandu forza ta' ligi tant li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **"Onor. Edgar Cuschieri nomine vs Perit Gustavo R. Vincenti"** (A.C. – 13 ta' Frar 1950 – Vol. XXXIVA.i.27) li:-

"*Hu forsi opportun li jinghad bi preliminari illi gialadarba kuntratt ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li jaghmluh (Artikolu 992(1) Kodici Civili, l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu skond ir-regoli maghrufa l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et"** (P.A. – 30 ta' Mejju 2002) gie wkoll ritenut li:-

"*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta tal-kontraenti kif espressa… li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda."*

Illi konsistentement ma' dan fil-kawza fl-ismijiet **"Salvu Fenech vs Malta Diary Products Limited"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2003) inghad li *"din il-Qorit ma tistax tintervjeni hi fil-ftehim u thassar klawsola li kienet saret validament".* Fil-kawza **"Godwin Navarro vs Saviour Baldacchino"** (P.A. – 28 ta' Frar 2003) inghad li "*Is-sens guridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub ghandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu u m ghandux jigi mibdul jew cirkuwit b'mera assunzjoni soggettiva ta' xi parti fost il-kontraenti*."

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jinghad li l-kliem fl-ahhar paragrafu tal-ftehim huma cari u cioe':-

*"the parties declare that the fullfillment of this agreement they do not have any other dues or claims of whatsoever*

*nature against each other and they declare to be happy with the contents of this agreement".*

Illi John Said jikkontendi li dak il-ftehim jghodd biss ghac-cekkijiet li huwa kien a konoxxenza taghhom, u mhux fuq cekkijiet ohra li huwa skopra wara l-ftehim.

Veru jirrizulta li l-konjugi Calleja ma zammewx kelmthom u ma hallsux fi zmien tmien gimghat mid-data tal-ftehim, izda jirrizulta wkoll ghax l-istess John Said ukoll jammetti li s-socjeta attrici kienet sussegwentement accettat li tithallas b'pagamenti ta' Lm500 fix-xahar u sal-kawza lahqet hallset Lm7,500.

Kif dejjem irritenew il-Qrati taghna, galadarba jezisti dan il-ftehim bejn il-partijiet huma l-istess partijiet li jridu jinhallu minnu jekk iridu u jekk ma jaqblux jitolbu l-Qorti tiddeciedi jekk tali ftehimx ghadux in vigore jew le. Ma tistax is-socjeta` attrici tinjora dak il-ftehim bhalli kieku qatt ma ezista u tibbaza t-talbiet taghha fuq premessa ta' danni minghajr ma tallaccja tali talba ghall-istess ftehim.

Illi l-fatt li l-istess socjeta` attrici qablet li l-modalita tal-pagament u tinbidel u accetta li tibda tithallas LM500 fix-xahar ma jfissirx li tali ftehim ma ghadux jghodd. Kif gie ritenut fil-kawza **"Louis Soler vs Nazzareno Vassallo"** (P.A. (TM) – 20 ta' Gunju 2002) l-attur kellu jirrifjuta *outright* it-tibdiliet fil-ftehim u tali sentenza tikkwota l-kawza **"Mallia vs Satariano"** (P.A. (TM) - 8 ta' Mejju 2000) li approvat principju fis-sens illi-

"*If during the performance of an agreement, one party behaves contrary to what the other supposes to have been the terms of the agreement but does not react and continues to accept such behaviour it is more likely that the terms of the agreement are to be deduced in accordance with the behaviour of the first party than in accordance with what the other 'supposed' them to be*".

Illi dan huwa konsonanti ma' dak li gie ritenut fis-sentenza **"Brands International vs Brigitte Gauci Borda School of Ballet"** (A.I.C. (PS) – 13 ta' Frar 2009) fejn inghad li

tali sitwazzjoni fejn xi parti tbiddel parti mill-kuntratt u l-parti l-ohra taccetta (fil-kaz *de quo* li l-hlas beda jsir b'pagamenti ta' Lm500) dan ma jannullax il-ftehim tat-28 ta' Gunju 2002 izda irriteniet li meta l-parti l-ohra taccetta din il-modifika tali accettazzjoni hija daqs offerta gdida u l-ftehim ikun finali u jghodd ghaz-zewg partijiet.

Illi minkejja dan, din il-Qorti bhal ma ghamlet il-perit legali thoss li xorta wahda ghandha tinvesti l-pendenza odjerna fid-dawl tal-principji ta' interpretazzjoni u esekuzzjoni ta' kunratti in bona fede u jidher car mill-provi prodotti li l-konvenuti Calleja kienu jafu li c-cekkijiet li fuqhom gie bbazat il-ftehim (Dok. "JC2" esebit minnhom) kien hemm seba` biss li jidhru fil-lista li pprezenta l-istess John Said bhala Dok.  "JS". Dan irendi l-versjoni ta' John Said hafna iktar kredibbli u ghalhekk jirrizulta li meta is-socjeta' attrici ghamlet il-ftehim imsemmi hija f'dak il-mument ma' kienitx taf li kien hemm aktar cekkijiet li gew mehuda mill-konvenuta bhal l-ohrajn.

Illi ma hemmx bzonn jigi enfasizzat li l-bona fede hi element importantissimu tal-kontrattazzjoni li ghandha dejjem tircievi t-tutela shiha tal-ligi.  B'mod specjali, fejn din ma tirrizultax li dan il-principju u komportament ma giex rispettat, bhal ma jidher li gara f'dan il-kaz, illi kien hemm nuqqas ta' konoxxenza tal-fatti kollha ezistenti minn naha tas-socjeta' attrici li kienet f'imposibbilita' li tkun taf ezatt l-ammont li hija giet effettivament defrodata minnu **("Thomas Azzopardi vs Platinum International (Malta) Limited et"** – P.A. (PS) – 30 ta' April 2008) u ta' dan kienu konxji l-konvenuti li aggixxew b'mala fede u ghalhekk f'dan ix-xenarju din il-Qorti thoss li tali ftehim gie sorvolat in vista tal-principju *"fruas omnia corrumpit"* u fil-kuntest tal-kawza odjerna dan ifisser li l-konvenuti Calleja ghandhom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm22.827.16c kwantu ghal Lm7500 bilanc mill-ftehim imsemmi u jwassal sal-ammonti li sa dak iz-zmien is-socjeta' attrici kienet taf bihom u kwantu ghar-rimanenti ammont ghall-flejjes li kienu gja ghaddew ghand il-konvenuti Calleja izda gew skoperti biss meta l-pulizija lestew l-investigazzjonijiet taghhom wara l-iffirmar tal-istess skrittura. Jinghad li fil-mori tal-kawza giet

prezentata nota ta riduzzjoni fejn inghad li l-konvenuti hallsu l-ammont ta’ €24,500 u ghalhekk l-ammont li jirrizulta li ghadu dovut illum huwa dak ta’ €28,672. 97 kif jirrizulta minn nota ta’ riduzzjoni datata 18 ta’ Jannar 2011 (fol. 639).

Illi ma` dan jizdied jinghad li l-konvenuta Joanne Calleja stess tixhed fl-affidavit taghha tas-16 ta’ Mejju 2008 li hija kienet disposta li toffri garage li jiswa Lm15,000 li flimkien ma’ Lm7500 li kienu allura ghadhom dovuti skond il-ftehim jammontaw ghas-somma totali ta’ Lm22,500 u dan gie offert minkejja li l-ftehim li hija stess iffirmat kien jirreferi ghas-somma ta’ Lm18,000 biss. Huwa minnu li l-konvenuta ssostni li dan ghamlitu bla pregudizzju, izda din il-Qorti ma hijiex konvinta minn din it-tezi tal-konvenuta, iktar u iktar meta mill-kumpless tal-provi jirrizulta li hija agixxiet in mala fede anke meta ffirmat l-imsemmija skrittura, ghaliex hija kienet taf li kienet hadet ammonti iktar ta’ flus minn dawk li gew mehuda in konsiderazzjoni meta gie ffirmat l-imsemmi ftehim.

Illi jinghad ukoll li kif gie ritenut fil-kawza fl-imijiet **“Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited”** (P.A (GCD) – 8 ta’ Marzu 2005) “*socjeta attrici li harget ricevuta ghas-saldu u “declares there are no other pending claims of any nature” u wara tassew jirrizulta li saru xogholijiet ohra li ghalihom ghadu ma sarx hlas u ghalhekk l-istqarrija li l-hlas sar ghas-saldu kienet zbaljata u r-ricevuta ma zzomx lill-attrici milli titlob hlas ghal xoghol li ghamlet u li ghada ma thalsitx ghaliha”,* u f’din is-sentenza l-istess Qorti ghamlet referenza ghal decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-19 ta’ Frar 1937 fl-ismijiet **“Emilia Bartoli vs Av. Dr Eduardo Vassallo”**.

Illi ghalhekk, fil-kuntest ta’ dan kollu jinghad li l-ftehim li sar bejn il-partijiet firmatarji fit-28 ta’ Gunju 2002 ma jippreskludix lis-socjeta attrici milli titlob hlas iehor tal-flus li l-konvenuta ndebitatament ghamlet taghha u li rrizultaw lill-istess socjeta wara d-data ta’ dan il-ftehim.
Illi dwar l-eccezzjoni abbazi ta’ novazzjoni jinghad li din hija mod ta’ estinzjoni tal-obbligazzjoni liema istitut kien

jezisti anke fid-Dritt Ruman u llum jinsab inkorporat fl-**artikolu 1179 et seq tal-Kodici Civili.**

Illi skond l-**artikolu 1179 (a) tal-Kap. 16** hemm novazzjoni *"meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid u dan jigi mqghied flok il-qadim, illi jispicca."* **L-artikolu 1180 (2)** izid li n-novazzjoni *"mhix prezunta l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car."* **L-artikolu 1181** isegwi li *"ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula ghalkemm tigi mbiddla".*

Illi hawn issir riferenza ghas-sentenza **"C & F Building Contractors Limited vs Church Street Development Limited"** (P.A. (RCP) – 23 ta' Frar 2010) fejn saret riferenza ghas-sentenzi **"Anthony Galea vs Mario Hallett proprju *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) u **"Raymond Azzopardi vs Fanu Mifsud & Sons Ltd. et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2006) fejn gew affermati l-principji li n-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u dan ghaliex bazikament in-novazzjoni tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghall-obbligazzjoni ohra u *"il est de principe que les renonciations ne se presument pas"* ***(Carbonnier)*** tant li *"la volonta' di estinguere l'obligazione precedente (animus novandi), che puo' risultare come ogni dichiarazione di volonta', anche tacitamente, per facta concludentia".*

Illi ghalhekk skond l-istess massimi fuq indikati nghad fil-kawza fl-ismijiet **"Antonio Sammut vs Antonio Mifsud"** (A.K. 14 ta' Settembru 1943) li:-

*"Il-kwistjoni kollha qieghda taggira ruhha jekk l-obbligazzjoni antika bejn il-partijiet gietx estinta u ghalhekk saritx novazzjoni".*

Illi fil-kawza **"Franco Busuttil *noe vs* Anthony Mallia"** (K. (JDC) 25 ta' Marzu 1993) insibu li l-istess Qorti qalet:-

*"Illi skond il-ligi (**artikolu 1180 (2) Kodici Civili, Kap 16**) in-novazzjoni qatt ma tista' tkun prezunta. Ghall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta bic-car ghalkemm ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli*

*specjali. Hemm ukoll li jkun hemm inkompatibbilta' bejn iz-zewgt obbligazzjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza. (Ara Kollez. Vol. XXX.I.943)".* Dan huwa konformi ma' dak li gie deciz fis-sentenzi **"Emanuele Buttigieg vs Spiridione Ellul"** (A.I.C. 18 ta' Gunju 1938- Vol.XXX.i.943), **"Dr. Grazio Mercieca nomine vs Joseph Grixti"** (A.K. 15 ta' Marzu 1993) **"Dr. Jose Herrera nomine vs Anthony Cassar et nomine"** (P.A. (RCP) – 17 ta' Frar 2000) u **"Anthony Galea vs Mario Hallett nomine"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2001) fejn inghad li hemm novazzjoni meta mill-intenzjoni tal-partijiet jirrizulta li huma riedu jbiddlu l-obbligazzjoni originali b'dik gdida u dan jirrizulta wkoll meta l-obbligazzjoni gdida hija nkompatibbli ma' dik originali u allura f'dan il-kaz l-obbligazzjoni originali tigi maqtula.
Illi l-istess gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **"Paul Koludrovich -vs- Carmelo Muscat"** (A.C. - 25 ta' Mejju 1956 - Kollez. Vol. XL P I p 204) fejn inghad li "*hemm novazzjoni oggettiva meta ssir obbligazzjoni gdida li tigi sostitwita ghall-ohra pre-ezistenti, u b' hekk tigi estinta. U b'ligi espressa, in-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u l-animus novandi ghandu jirrizulta b' mod car u univoku"*

Illi fil-kawza **"John's Garage Ltd vs Nicholsons The Supermarket Ltd"** (A.I.C (PS) - 22 ta' Gunju, 2005) gie spjegat li n-novazzjoni ma' hemmx bzonn li tkun espressa b'mod formali jew li jintuza xi kliem partikolari u dan ghaliex tista' ssehh novazzjoni implicitament u dan isehh meta *"in-novazzjoni oggettiva tacita ghandha tirrizulta minn imkompatibilita` bejn l-'id quod actum est' u l-eskluzjoni tal-volonta` li ssir novazzjoni (Kollez. Vol. XXIX P III p 80) u ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma sempliciment modifikata (Kollez. Vol.XXXI P I p 753); ghaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra (Kollez. Vol. XXXV P II p 607). Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata".*

Illi hawn il-Qorti ghamlet riferenza ghal diversi kawzi li jikkonfermaw din l-interpretazzjoni dwar novazzjoni: hekk per ezempju ntqal illi "*la concessione di una dilazione in difetto di altre circostanze non importa una novazione*" (Kollez. Vol. III p 506) u "*la semplice riduzione importa solo una modalita` e non estingue la obbligazione*" **(Kollez. Vol. XXI P I p 483).**

Illi huwa ritenut li sabiex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita` tal-ezistenza ta' zewg obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubbju, n-novazzjoni ghandha tigi eskluza. Wkoll ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula imma semplicement modifikata ghaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika li tigi mill-partijiet imhassra. Ghalhekk mhux kull modifika ggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni bir-rizultat li tkun giet biss modifikata. (**"Francis Paris vs Maltacom plc"** – P.A. (TM) – 7 ta' Ottubru 2004).

Illi fuq dan il-punt il-gurista ***Giorgi ("Delle Obbligazioni" Vol VIII para 242)*** jghid li l-intenzjoni biex issir novazzjoni tkun tacita *"quando risulta dalla incompatibilita' tra il 'quod actum est' e la esclusione della volonta' di novare. Della quale incompatibilita' sono queste le caratteristiche:-*

*1. Che il debitore sia stato svincolato assolutamente della obbligazione primitiva;*
2. *Che la seconda obbligazione contenga un mutamento tanto sostanziale in confronto della prima, da nonpermettere di considerarla come semplice modificazione della obbligazione precedente. La novazione cumulativa, quale appunto risulterebbe dall'unione di due obbligazioni, non e' vera novazione".*

Illi dawn il-principji kienu wkoll gew abbraccjati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **"Bongailas vs Deguara"** (22 ta' Novembru 1989) u fil-kawza **"Mizzi vs**

**Ennis"** deciza minn l-istess Onorabbli Qorti fis-6 ta' Gunju 1984. A propositu jinsab deciz fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Koludrovich vs Carmelo Muscat"** (A.C. - 25 ta' Mejju 1956 (Kollez. Vol XL PI p 204) illi *"hemm novazzjoni oggettiva meta ssir obbligazzjoni gdida li tigi sostitwita ghall-ohra pre-ezistenti u b'hekk tigi estinta. U b'ligi espressa, in-novazzjoni ma tistax tigi prezenta u l-animus novandi ghandu jirrizulta b'mod car u univoku".* Kif inghad ukoll ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula imma sempliciment modifikata **(Kollez. Vol. XXXI P I p 753).**

Illi applikati dawn il-principji ghall-fattispeci tal-kaz partikolari din il-Qorti taqbel ma' dak li rriteniet il-perit legali fis-sens li ma tarax kif jista' guridikament jinghad li tezisti dik in-novazzjoni oggettiva kif hekk qed jippretendu l-konvenuti Calleja. L-obbligazzjoni originali naxxenti mill-ftehim issoktat tipperdura bl-istess mod ghalkemm l-mod ta' pagament inbidel, izda dan ma bl-ebda mod ma jbiddel il-konkluzjonijiet fuq raggunti fuq dak li gie skopert wara tali ffirmar tal-imsemmija skrittura fejn dahhlu in xena principji ohra fuq indikati.

Illi it-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni giet irtirata fit-23 ta' Gunju 2005 u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tal-istess.

Illi t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Calleja ghandha tigi michuda stante li din il-Qorti thoss li ma gie bl-ebda mod ippruvat li kien hemm ftehim ta' self mis-socjeta' attrici lill-konvenuta u certament li f'dan il-kuntest ma ssodisfawx l-oneru ta' prova mpost fuqhom. Din il-Qorti zzid tghid li wara li rat il-provi kollha prodotti thoss li din l-allegazzjoni konvenuta bl-ebda mod ma hija sorretta bil-provi f'din il-kawza u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi anke ir-raba` eccezzjoni qed tigi michuda ghaliex galadarba l-konvenut Calleja kien parti mid-diskussjonjiet li saru bejn il-partijiet u anke huwa parti mil-ftehim tat-28 ta' Gunju 2002 huwa ma jistax illum iressaq din l-eccezzjoni meta jirrizulta car mill-provi li huwa kien jaf b'dan l-arrangament fejn sahansitra jghid li kien jaghmel xi

xoghol lil John Said biex jinqata minn dan id-dejn li kellha martu kif jirrizulta wkoll li *cheque* minnhom gie depozitat f'kont bankarju tieghu personali. Di piu` din il-Qorti thoss li gie ppuvat ukoll li l-konvenut kien jaf b'dak kollu li ghamlet martu u dan iktar u iktar meta flejjes gew ukoll depositati fil-kont tieghu.

Illi fil-kuntest ta' dak li nghad aktar il-fuq il-hames eccezzjoni wkoll qed tigi michuda ghaliex jirrizulta li a bazi tal-istess il-konvenuti ghandhom ihallsu s-socjeta attrici s-somma ta' Lm22.827.16c konsistenti fil-bilanc dovut mis-somma miftehma u r-rimanenti flus li s-socjeta` attrici giet a konjizzjoni taghhom wara l-iffirmar ta' l-iskrittura, mil-liema ammont ghandu llum jitnaqqas il-hlas li ghamlu l-konvenuti fil-mori tal-kawza anke in vista tan-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici u ghalhekk l-ammont illum dovut huwa dak ta' €28,672 stante li fil-mori l-konvenuta Joanne Calleja hallset l-ammont ta' €24,500 u dan kollox kif jirrizulta minn nota ta' riduzzjoni datata 18 ta' Jannar 2011 (fol. 639).

Illi kwantu ghat-talbiet li saru mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-Bank konvenut ser jigu ezaminati fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-istess Bank HSBC (Malta) p.l.c. apparti t-tielet wahda dwar preskrizzjoni li giet irtirata fit-23 ta' Gunju 2005 u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess.

Illi l-azzjoni attrici fil-konfront tal-istess bank hija fis-sens li l-Bank ma ghamilx il-verifiki necessarji meta ma ccekkjax sew kif l-istess cekkijiet gew girati mill-konvenuta, wara li gie uzat it-timbru tas-socjeta' attrici, b'dan li huwa allegat li l-Bank konvenut *"ma osservax l-obbligi imposti fuqu bil-ligi"* u *"nuqqas ta' osservanza tal-ligi".*

Illi f'dan il-kuntest jinghad li llum in linea generali huwa ormai principju stabbilit li meta cekkijiet huma pagabbli *"payee or order"* u mhux *"payee only"* dawn huma trasferibbli b'semplici gira (*"endorsement")* u jistghu jigu liberalment depositati minn min ghandu c-cekk f'idejh u l-Bank konvenut mhuwiex responsabbli ghall-awtenticita' tal-gira, u dan anke in konformi ma' dak provdut fl-

**artikolu 184 tal-Kap. 13** li jipprovdi li *"Dak li jhallas kambjala mhux obbliga jivverifika l-awtenticita' tal-giri"* u dan jappllika ghal *"promissory notes"* u in vista ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 260 tal-Kap. 13** dan gie applikat ukoll ghal cekkijiet kif jirrizulta mis-sentenza **"Antonio Deguara vs Walter George Wicker nomine et"** (K. – 3 ta' Mejju 1955) fejn inghad li *"illi b'ligi espressa, dak li jhallas 'draft' mhux obbligat jivverifika l-awtenticita' tal-giri".* L-istess inghad fis-sentenza **"Farrugia vs White"** (K. – 27 ta' Gunju 1900) *"il-banchiere sopra cui un titolo e' tratto, se lo pagain buona fede nel corso ordinario degli affair lo paga validamente, sebbene la girata sia falsa".*

Illi jinghad ukoll li l-**artikoli 140 (1) u 193 tal-Kap. 13** gew ukoll applikati ghal-cekkijiet (**"Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby"** P.A. – 9 ta' Marzu 2005); **"P.J. Sutters Company Limited vs Michael Debono"** A.I.C. (PS) – 28 ta' April 2004); **"Marlene Vella et vs Av. Dr. Antoine Gambin et"** (P.A. (RCP) – 26 ta' April 2001) u dan kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet **"Pmark Limited vs Lombard Bank Malta plc"** – P.A. (GCD) 18 ta' Frar 2005) fejn ic-cekk gie deskritt bhala *"forma ta' kambjala fejn it-trattarju huwa l-bank"* u abbazi tal-istess jirrizulta li r-relazzjoni tas-socjeta attrici mal-bank konvenut hija dik ta' beneficjarju u girant ta' kambjala ma' giratarju. Il-konvenuta Cellja iggirat ic-cekk – li hu forma ta' kambjala fejn it-trattarju huwa bank – lill-bank konvenut sabiex il-konvenuta tiskontah favur taghha. Il-bank konvenut imbaghad iggira c-cekk favur il-korrispondent tieghu u thallas minghandu l-korrispondent tal-bank ipprezenta c-cekk ghall-hlas ghand il-bank trattarju sabiex dan jiddebita l-kont li kellu mieghu t-traent.

Illi jinghad ukoll li l-azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess ma tistax timxi wahedha minghajr riferenza ghal ftehim li wassal ghal hrug taghha **("Scicluna vs Vella"** – K. - 18 ta' Marzu 1965). Kif inghad il-Qorti ma tistax tordna lil B ihallas lil A fuq kambjala meta ma jkunx wettaq l-obbligi tieghu li waslu ghall-hrug ta' dik il-kambjala **(artikolu 152 (2) Kodici tal-Kummerc).**

Illi huma principji wkoll li r-responsabilita tad-debitur taht kambjala tohrog mill-firma tieghu u l-kambjala titqies valida anke jekk id-*drawee "is a fictitious person or a person not having capacity to contract"* kif jghid l-awtur **T.G. Reeday** tal-ktieb **"The Law Relating to Banking"** 4th Edit. u jindika bla ezempju ta' "*fictitious drawee that often used to be given" kambjala mahruga fuq "the man on the moon"* (ibid. pag. 336).

Illi l-**artikolu 140 tal-Kodici tal-Kummerc** jghid li l-girant iwiegeb lejn kull pussessur ta' wara ghall-accettazzjoni u ghall-hlas tal-kambjala; l-**artikolu 193 tal-istess Kodici** jghid li l-pussessur ta' kambjala li jircievi l-hlas taghha u l-giranti kollha ta' qablu huma garanti lejn dak li hallasha tal-validita tal-giri kollha ta' qabel u ghalhekk ir-responsabbilta hija tal-giranti lejn il-giratarju u mhux *vice versa.* It-tisrif ta' kambjala jfissirx li min ihallas (f'dan il-kaz l-HSBC (Malta) plc) qieghed jaghti garanzija lil min ircieva l-hlas anzi min ircieva l-hlas li jaghti garanzija lil min hallas. Allura meta l-bank konvenut accetta c-cekkijiet ma kienx qed jaghti garanzija tal-validita taghhom ghax dik il-garanzija, skond il-ligi tinghata minn min jircievi l-hlas u mhux minn min ihallas. Fil-kaz de quo hija l-konvenuta Joanne Calleja li tat garanzija tal-validita` taghhom meta hija ggirat favur taghha c-cekkijiet mertu tal-kawza. Ghalhekk l-eccezzjonijiet rimanenti tal-bank konvenut ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mill-Bank konvenut stante li l-istess gew irtirati, u fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-Bank konvenut biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, u **tichad ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien talba attrici fil-konfront tal-bank konvenut HSBC Bank Malta plc** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti Calleja peress li l-istess giet irtirata, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti Joanne

u Pierre Calleja ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u **tilqa' l-ewwel tlett talbiet attrici u t-tmien talba attrici fil-konfront biss tal-istess konvenuti Joanne u Pierre Calleja** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-atti maghmula minn Joanne Calleja kienu abbuzivi u llegali.

2. Tiddikjara li Joanne Calleja u Pierre Calleja ma kellhom ebda jedd li jircievu l-flus valur tac-cekkijiet mertu ta' din l-kawza.

3. Tiddikjara li l-konvenuti Joanne Calleja u Pierre Calleja, ghandhom iroddu lura lis-socjeta` attrici l-flus minnhom hekk ricevuti minghajr jedd li llum jammontaw ghas-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u sebghin ewro (€28,672) stante li fil-mori l-konvenuta Joanne Calleja hallset l-ammont ta' erba` u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€24,500) u dan kollox kif jirrizulta minn nota ta' riduzzjoni datata 18 ta' Jannar 2011.

8. Tikkundanna lill-konvenuti Joanne u Pierre Calleja jirrifondu u jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma kif ridotta ta' tmienja u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u sebghin ewro (€28, 672).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest datat 22 ta' Mejju 2002, tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2197/04 u tal-Mandat ta' Qbid numru 2196/04 pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni attrici kontra l-konvenuti konjugi Calleja, hlief ghall-ispejjez tal-Bank konvenut HSBC Bank Malta plc li ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti konjugi Calleja.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------